MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta ta' l-20 ta' April, 2012

Citazzjoni Numru. 157/2010

Consiglia Degiorgio bhala tutur tal-minuri Mansell, Jessica u Diana ahwa Agius, ulied il-mejta Catherine Agius u l-istess Roger Agius, u dan kif degretat mill-Qorti Civili (Gurisdizzjoni Volontarja) b'digriet 610/2009
vs
Roger Agius

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**
Rat ir-rikors tar-rikorrenti li bih esponiet:

1. Illi permezz ta' Digriet numru 610/2009 (Dok A) moghti mill-Qorti Civili (Gurisdizzjoni Volontarja) - hija giet mahtura tutur tan-neputijiet taghha, ossia tat-tfal minuri Mansell, Jessica u Diana, lkoll ahwa Agius u ulied il-konvenut Roger Agius u l-mejta Catherine Agius;

2. Illi l-mejta Catherine Agius tigi bint ir-rikorrenti Consiglia Degiorgio u mart l-imsemmi intimat Roger Agius

u mietet kawza ta’ daqqiet ta’ sikkina li rceviet proprju minn zewgha l-imsemmi Roger Agius nhar it-13 ta’ Lulju, 2009 ghall-habta tat-8:30 p.m. (Dok. B);

3. Illi l-imsemmija Catherine Agius mietet minghajr testment kif jirrizulta mir-ricerki testamentarji maghmula (Dok. C u Dok. D) u ghalhekk, f’cirkostanzi normali, l-assi taghha kienu *ex lege* jiddevolvu in kwantu ghan-nofs indiviz a favur zewgha u n-nofs l-iehor a favur l-ulied taghha;

4. Illi pero`, in kwantu li zewgha l-intimat Roger Agius qatel lil martu u *di fatti* ammetta dan mal-Pulizija Ezekuttiva u ghaddej minn proceduri kriminali b’kumpilazzjoni, jiskattaw il-provvedimenti ta’ l-Artikoli 605 u 796 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta, b’dan illi l-intimat Roger Agius ghandu jigi dikjarat illi mhux denn u mhux kapaci li jircievi l-assi ereditarji tal-mejta Catherine Agius, minnu stess maqtula;

5. Illi konsegwentament, l-assi ereditarji kollha tal-mejta Catherine Agius ghandhom jiddevolvu a favur l-eredi l-ohra, ossia l-ulied minuri Mansell, Jessica u Diana, kif hawnhekk rapprezentati fl-interessi taghhom mill-attrici Consiglia Degiorgio bhala tutur taghhom kif gja premess, b’dan illi l-intimat Roger Agius ma jiret xejn mill-assi tal-persuna minnu stess maqtula, ossia, martu Catherine Agius.

Ir-rikorrenti talbet lill-Qorti:

1. Tiddikjara li l-intimat Roger Agius, ghar-ragunijiet premessi, mhux denn u allura mhux kapaci li jircievi assi ereditarji tal-mejta / maqtula martu Catherine Agius, sabiex konsegwentament, l-assi ereditarji taghha ghandhom ghalhekk jigu devoluti fuq il-minuri uliedha Mansell, Jessica u Diana.

Bl-ispejjez kollha kontra l-istess intimat u b’rizerva ghal kull azzjoni spettanti lir-rikorrenti.

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mir-rikorrenti.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**B. KONTUMACJA:**
Illi l-intimat baqa' kontumaci u fil-fatt ghamel rikors biex jiggustifika l-kontumacja fil-5 ta' April, 2010.

Rat id-decizjoni taghha tat-28 ta' Gunju, 2010 li permezz taghha l-Qorti ikkonkludiet li l-intimat ma iggustifikax il-kontumacja.

Rat li l-Qorti fid-9 ta' Lulju, 2010 cahdet it-talba ta' l-intimat biex jappella minn din id-decizjoni.

**C. PROVI:**
Xehed l-Ispettur Daniel Zammit u qal li jaf lill-intimat li kien gie investigat f'Lulju 2009 rigward il-qtil tal-mara tieghu Catherine Agius u eventwalment kien gie mressaq il-Qorti u kien qed jigi akkuzat bl-omicidju taghha. L-intimat kien irrilaxxja stqarrija. Dan kien riferibbli ghal incident li kien gara fit-13 ta' Lulju, 2009 ghall-habta tas-5.55 p.m. Roger Agius kien gie migbur dakinhar stess. L-istqarrija ttehditlu fl-14 ta' Lulju, 2009 fis-2.00 p.m. minnu u mill-Ispettur Alex Grech u kien inghata s-solita twissija skond il-Ligi. Kienu sarulu d-domandi u kien ghazel li jirrispondihom u anke fl-istqarrija tieghu kien ammetta li kien ta daqqa ta' sikkina lil Catherine Agius li eventwalment irrizultat li kienet fatali. Esebixxa kopja ta' l-istqarrija, li gharaf il-firma tieghu, ta' l-Ispettur Alex Grech kif ukoll ta' l-intimat fuqha.

Xehed l-Ispettur Alex Grech u ikkonferma l-istqarrija li anke kienet iffirmata mill-intimat. Din l-istqarrija ttiehdet wara li kienet giet moghtija s-solita twissija. Ikkonferma l-kontenut ta' l-istqarrija u semma li l-vittma mietet l-isptar.

Rat l-istqarrija ta’ Roger Agius a fol 62 sa 66 tal-process.

Irrizulta li hareg att ta’ akkuza kontra l-intimat.

Rat is-sentenza ta’ l-10 ta’ Jannar, 2012 moghtija mill-Onor. Imhallef Lawrence Quintano (fol 81 sa 85) fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta’ Malta -vs- Roger Agius** (Numru 40/2011) fejn gie deciz is-segwenti:
“...Ghalhekk din il-Qorti, wara li rat l-artikoli 6, 51(7), 55(a) u 61 tal-Kap. 480 tal-Ligijiet ta’ Malta kif ukoll l-artikoli 17(h), 31(e), 49, 50, 211 u 533 tal-Kodici Kriminali tikkundanna lill-hati Roger Agius ghall-piena ta’ wiehed u tletin (31) sena prigunerija mil-liema perjodu ghandu jitnaqqas kull zmien li l-akkuzat ghadda taht arrest preventiv in konnessjoni ma’ dan il-kaz.

Inoltre tikkundannah ihallas lir-Registratur tal-Qrati s-somma ta’ import ta’ l-ispejjez peritali inkorsi f’din il-kawza u cioe` tlett elef, seba’ mija u dsatax-il Ewro u tlieta u sebghin centezmu (€3719.73) liema spejjez peritali jekk ma jithallsux fi zmien sitt xhur mil-lum jigu konvertiti f’terminu ta’ prigunerija skont il-Ligi.”

**D. KUNSIDERAZZJONIJIET:**

L-artikolu 796 tal-Kap 16 jghid hekk:
“796. Dawk li huma inkapaċi jew mhux denji li jirċievu b’testment, għar-raġunijiet li jingħadu f’dan il-Kodiċi, hekk ukoll huma inkapaċi jew mhux denji li jirtu *ab intestato*.”

L-artikolu 605(1)(a) tal-Kap 16 jghid:
“605. (1) Kull min -
(*a*) volontarjament joqtol jew ikun ittanta joqtol lit-testatur, jew lill-mara jew lir-raġel tat-testatur; jew …
jitqies bħala mhux denn u, bħala tali, ma jkunx kapaċi biex jirċievi b’testment.”

Catherine Agius fil-fatt mietet minghajr testment kif jirrizulta mir-ricerki testamentarji Dok C u Dok D. Dan kien iwassal li f’cirkostanzi normali n-nofs indiviz kien imur favur zewgha u n-nofs l-iehor favur uliedha.

Izda minhabba l-fatt li a tenur ta’ l-artikoli 605 u 796 tal-Kap 16 min joqtol lill-mara jew lir-ragel tat-testatur jitqies bhala mhux denn u ghalhekk mhux kapaci biex jircievi b’testment u minhabba l-fatt li huma inkapaci u mhux denji li jircievu b’testment anke meta jkun kaz ta’ *ab intestato*, dan iwassal ghall-fatt li l-intimat Roger Agius li kif issemma aktar ’il fuq fil-proceduri quddiem il-Qorti Kriminali ammetta li kien hati tar-reati dedotti kontra tieghu, tilef kull dritt li jiret lil martu Catherine Agius.

**E. KONKLUZJONIJIET:**

Ghal dawn il-motivi tiddikjara lill-intimat Roger Agius mhux denn u mhux kapaci li jircievi assi ereditarji tal-mejta/maqtula martu Catherine Agius.

Tiddikjara wkoll li l-assi ereditarji kollha taghha ghandhom jigu devoluti fuq il-minuri uliedha Mansell, Jessica u Diana.

Spejjez kontra l-intimat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------